# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 38**

**Rikors maħluf numru 63/2017/2 FDP**

**Austin Masini**

***v.***

**Ministeru għas-Saħħa; *Grievances Unit* imwaqqfa biex tistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa; *Review Board* imwaqqaf biex jistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa; Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Mejju 2021 li sabet illi rakkomandazzjoni tal-*Grievances Unit* tal-20 ta' Awwissu 2016 u dik tar-*Review Board* tal-1 ta' Marzu 2017 ma sarux bi ksur tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għal-daqstant ma għandhomx jitqiesu bħallikieku ma jiswewx kif irid l-atttur.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum ġew imfissra hekk minn l-ewwel qorti:

»Jirriżulta illi fis-sena 1997, ir-rikorrent, illi kien jaħdem fid-Dipartiment tas-Saħħa ġewwa l-Isptar t'Għawdex, applika għall-eżami ta' *principal*, minn liema eżami iżda huwa ma għaddhiex peress illi ma ngħaddiex mill-eżami orali minkejja li kien għadda mill-eżami fl-iskritt.

»Jirriżulta illi fis-6 ta' Frar 2014 il-gvern, permezz ta' ċirkolari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru Nru 4/2014, ħabbar illi kien ser jitwaqqaf *Grievances Unit* "sabiex jilqgħu u jistħarrġu talbiet li jiġu mressqa quddiemhom minn uffiċjali jew impjegati pubbliku li jħossu li saret xi inġustizzja magħhom".

»Jirriżulta illi fl-24 ta' Frar 2014 ir-rikorrent kiteb u talab illi "ningħata rimedju ta' din l-inġustizzja li saret miegħi li għadni nbati l-konsegwenzi tagħha sal-lum il-ġurnata".

»Jirriżulta illi, skond it-termini stabbiliti fiċ-ċirkolari fuq imsemmija,

> »"Il-*unit* ser tkun qed tistħarreġ kull talba ppreżentata quddiemha. Kull talba għandha tiġi mressqa mill-uffiċjal jew impjegat milqut mill-istess talba. Il-*unit* ser tkun qed tistħarreġ dawk l-allegati inġustizzji li allegatament ikunu seħħew fil-konfront ta' min ressaq it-talba, tul is-seba' snin ta' qabel tkun tressqet it-talba. Ser tistħarreġ ukoll dawk it-talbiet imressqa minn uffiċċjali jew impjegati pubbliċi li matul is-seba' snin ta' qabel tressqet it-talba jkunu allegatament batew konsegwenzi minn allegati inġustizzji li jkunu seħħew fil-konfront tagħhom qabel dan il-perjodu stipulat."

»Jirriżulta, skond ix-xiehda permezz ta' *affidavit* tar-rikorrent, illi fid-9 ta' Settembru 2014 huwa deher quddiem il-*Grievances Unit* fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa iżda ġie infurmat illi l-każ tiegħu ma setax jiġi kkunsidrat peress illi ma kien seħħ xejn fl-aħħar seba' snin minn meta nħarġet iċ-ċirkolari, ossija bejn is-sena 2007 u 2014.

»Jirriżulta illi sussegwentement, dejjem skond ix-xiehda permezz ta' *affidavit* tar-rikorrent, fl-24 ta' Ottubru 2014, data minnu korretta permezz ta' *affidavit* ulterjuri, wara talba għal rikonsiderazzjoni, reġa' deher, din id-darba quddiem ir-*Review Board*, u, wara li ġie mistoqsi jekk kellux xi ħaġa oħra xi jżid, għarrfuh illi ma kien hemm xejn x'jerġa' jiġi kkunsidrat minnhom – ebda dokumentazzjoni f'dana is-sens ma ġiet ippreżentata mir-rikorrent.

»Jirriżulta illi fl-20 ta' Awissu 2016 ir-rikorrent irċieva ittra mingħand il-*Grievances Unit* imwaqqfa biex tistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru tas-Saħħa, fejn ġie mgħarraf is-segwenti:

> »"Nirreferi għat-talba li inti ressaqt quddiem il-*Grievances Unit* imwaqqfa biex tistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa.
>
> »"Din it-talba ġiet mistħarrġa u l-każ ingħalaq. F'dan ir-rigward, nixtieq ninfurmak illi d-deċiżjoni finali dwar it-talba tiegħek hija s-segwenti:
>
> »"Il-*unit* jinnota li dan il-każ seħħ fl-1997 u b'hekk imur lil hinn mill-kompetenza ta' żmien tal-*unit*. B'hekk il-*unit* ma jistax jirrakkomanda xi tip ta' rimedju.
>
> »"… … …"

»Jirriżulta wkoll illi fl-1 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent irċieva ittra, din id-darba mingħand ir-*Review Board* imwaqqaf biex jistħarreġ talbiet imressqa fil-Ministeru għas-Saħħa, fejn ġie mgħarraf is-segwenti:

»"Nirreferi għat-talba tiegħek sabiex ir-rakkomandazzjoni kif deċiża mill-*Grievances Unit* tkun riveduta. F'dan ir-rigward, din it-talba ġiet mistħarrġa u ġie konkluż li r-rakkomandazzjoni deċiża mill-*Grievances Unit* tkun ikkonfermata."

»Jirriżulta illi, permezz tar-rikors odjern intavolat fil-11 ta' Awwissu 2017, huwa intavola l-proċeduri odjerni quddiem dina l-qorti sabiex jiġi dikjarat:

»a. illi d-deċiżjonijiet meħuda kienu jikkostitwixxu għemil amministrattiv sindakabbli a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12;

»b. illi tali deċiżjoni:

»i. kisret il-Kostituzzjoni ta' Malta

»ii. hija ultra *vires peress* li naqsu josservaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji;

»iii. tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika;

»iv. marret kontra l-liġi.

»c. illi għalhekk id-deċiżjoni kellha tiġi annullata u mħassra.«

3. Il-konvenuti wieġbu hekk għat-talbiet tal-attur:

»Eċċezzjonijiet preliminari

»1. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, il-*privilegium fori* billi l-esponenti kollha għandhom s-sede tagħhom fil-Gżira ta' Malta minn fejn jamministraw u jmexxu x-xogħol tagħhom u fl-ebda ħin fl-ilmenti tar-rikorrenti ma kien hemm xi tip ta' ftehim li x-xogħol kellu jkun relatat esklussivament għall-Gżira ta' Għawdex[1].

»2. … … … m'hemm l-ebda entità ġuridika b'isem ta' *Grievances Unit* u *Review Board*, *stante* li dawna ġew komposti speċifikament għal perjodu sabiex jindirizzaw kawżi u llum il-ġurnata huma xolti.

»3. … … … l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-esponenti *Grievances Unit* u *Review Board* peress illi l-istess *unit* u *board* ma għandhom l-ebda interess fil-finalità tat-talba attriċi.

»4. L-esponent Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet vantati mir-rikorrenti u dan *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»5. … … … l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi n-nullità tar-rikors ġuramentat *stante* li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ *ad validitatem* a tenur tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponent Avukat Ġenerali[2].

»Eċċezzjonijiet fil-mertu

»1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

---

1 Din l-eċċezzjoni ngħatat għax il-kawża kienet inbdiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali). Il-kawża mbagħad tkompliet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li l-atti ntbagħtu lil dik il-qorti b'dikriet tat-18 t'Ottubru 2019.

2 Din l-eċċezzjoni ġiet irtirata b'nota tal-24 ta' Settembru 2020.

»2. L-esponenti jeċepixxu illi *ai termini* tal-artikolu 158(3)(*ċ*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati.

»3. L-esponenti jeċepixxu illi r-rakomandazzjoni mogħtija mill-*Grievances Unit* u sussegwentement approvata mir-*Review Board* hija waħda ġiusta *stante* illi l-ilment tar-rikorrent huwa wieħed li ma jaqax taħt il-perjodu ta' seba' snin qabel is-sejħa li saret f'Marzu tal-2014 u dan *stante* li l-ilment jmur lura għas-sena 1997. Dan kollhu ġie spjegat lilu kemm permezz ta' ittra mibgħuta mill-*Grievances Unit* fl-20 ta' Awissu 2016 u ittra mibgħuta mir-*Review Board* fl-1 ta' Marzu 2017.

»4. Ir-rikorrent issostni illi l-ilment tiegħu, għalkemm seħħ fis-sena 1997, xorta waħda għandhu jinstema mill-esponent *Grievances Unit* għaliex l-allegat inġustizzja u l-konsegwenzi tal-allegat inġustizzja allegatament affettwaw negattivament lill-istess rikorrent matul is-seba' snin li għaddew qabel ma intavola l-proċeduri quddiem il-*Grievances Unit*. Madanakollu r-rikorrent ma ġab l-ebda prova quddiem il-*Grievances Unit* u r-*Review Board* ta' din l-allegazzjoni. Għaldaqstant l-esponenti kienu korretti fir-rakomandazzjoni tagħhom.

»5. Ir-rikorrent intavola kawża *ai termini* tal-artiklu 469A tal-Kap. 12 abbażi ta' ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fosthom l-*audi alteram partem* u *nemo judex in causa propria* u *cioè* n-nuqqas ta' smigħ kif ukoll in-nuqqas ta' indipendenza tal-ġudikanti. L-esponent għan-nom tal-*Grievances Unit* jirrileva illi *ai termini* ta' *report sheet* ir-rikorrenti kien mgħajjat sabiex jinstema' u jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem l-istess *unit* u mhux kif ġie allegat fir-rikors promutur.

»6. L-istess jista' jingħad fil-konfront għat-talba ta' rikunsiderazzjoni quddiem ir-*Review Board stante* illi r-rikorrent ma ressaq ebda prova ġdida sabiex jisostanzja l-ilment tiegħu quddiem dan il-bord u għaldaqstant dana l-bord mexa skond il-mansjoni tiegħu u dan ġie spjegat fi *report sheet* tal-istess bord.

»7. Għaldaqstant m'huwiex minnu illi r-rikorrenti ma ġiex infurmat bis-seduti li saru kif qiegħed jallega fir-rikors promutur jew ma ngħatax iċ-ċans illi jipparteċipa billi jressaq provi. Wisq anqas ma l-esponenti ċaħħdu lir-rikorrenti milli jkun assistit minn xi tip ta' għajnuna legali hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża.

»8. F'kull każ ukoll, fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Il-fatti kif dikjarati mill-attur huma kontestati, kif ser jirriżulta aħjar fil-kors tas-smigħ tal-kawża.

»9. F'kull każ, id-deċiżjoni meħuda mill-intimati dak iż-żmien kienet waħda ġusta u skont il-liġi, u anke tista' terġa' tiġi kkonfermata *in vista* taċ-ċirkostanzi u għaldaqstant ma timmeritax reviżjoni.

4. L-ewwel qorti, wara li laqgħet l-eċċezzjoniiet preliminari dwar in-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva tal-*Grievances Unit*, tar-*Review Board* u tal-Avukat Ġenerali, iddeċidiet hekk dwar il-meritu[3]:

[3] Ma tressaq ebda appell dwar id-deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari.

»tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-*Grievances Unit* u tar-*Review Board* huma għemil amministrattiv sindakabbli minn dina l-qorti filwaqt illi

»tiċħad it-tieni u tielet talba tar-rikorrent billi tiddikjara illi ma seħħ ebda ksur fil-konfront tar-rikorrent u għalhekk id-deċiżjonijiet tal-*Grievances Unit* u tar-*Review Board* ma jistħoqqx illi jiġu annullati u mħassrin.

»Spejjeż tal-proċeduri odjerni lkoll a kariku tar-rikorrent.»

5. Il-konsiderazzjonijiet li huma rilevanti għall-appell tal-attur u li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Eċċezzjonijiet fil-meritu

»Jirriżulta illi l-bażi tal-azzjoni kollha tar-rikorrenti tista' tiġi riassunta fi frażi waħda illi l-istess rikorrent għamel fl-*affidavit* tiegħu, meta qal is-segwenti, meta kien qed jirreferi għar-*Review Board*:

> »"Jiena għidtilhom li rrid nibda mill-bidu għaliex id-darba l-oħra ma semgħunix; biss dawn baqgħu jinsistu li semgħuni u bagħtu biss għalija biex nara jekk għandix xi ħaġa oħra x'inżid. Jien għidtilhom li ma għandi xejn x'inżid u tlaqt 'il barra."

»Jirriżulta illi Charles Cilia, li dak iż-żmien kien iċ-*chairman* tal-*Grievances Unit* li sema' l-każ tar-rikorrent, kellu dan xi jgħid dwar l-ilment tar-rikorrent:

> »"Ngħid illi lis-Sur Masini smajnieh u tajnieh ċans jitkellem. Ngħid illi madanakollu s-Sur Masini għamel aċċenn illi xi nies qabżuh imma ma semmiex min u għalhekk ma kelniex mezz nisimgħu jew naraw il-verżjoni ta' dawn in-nies. Ngħid illi s-sur Masini ma kienx speċifiku fi kliemu. Ngħid illi huwa ma tantx għinna f'dik l-informazzjoni li xtaqna aħna. Ngħid illi jekk applikant qed issemmi persuna u jgħid li qabżu politikament, aħna konna nippretendu illi ssir spjegazzjoni jiġifieri ta' kif u *come* l-applikant saritlu inġustizzja."

»Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent jikkontendi illi d-deċiżjoni meħuda mill-*Grievances Unit* kif kkonfermata mir-*Review Board*, ossija illi "l-ilment tas-Sur Masini jmur lil hinn mis-seba' snin kif rikjest miċ-ċirkolari", kienet waħda żbaljata u abbużiva *stante* illi insista illi huwa, fil-mument illi ressaq l-ilment, kien għadu qed ibati mill-konsegwenzi ta' dak illi kien seħħ fis-sena 1997, ossija sbatax-il sena qabel.

»Il-qorti hawnhekk tosserva illi r-rwol ta' dina l-qorti huwa, fil-każijiet odjerni, illi tiddetermina jekk, l-ewwel u qabel kollox, hemmx għemil amministrattiv li jista' jiġi kkunsidrat minnha u jekk tali għemil għandux jitqies bħala *ultra vires*.

»L-ewwel u qabel kollox, jirriżulta illi, għalkemm id-deċiżjoni meħuda mill-*Grievances Unit* u, sussegwentement, mir-*Review Board*, strettament ma humiex deċiżjonijet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "awtorità pubblika" kif stabbilita fl-artikolu 469A (2) tal-Kap. 12, jirriżulta illi d-deċiżjoni ta' tali entitajiet informali kienu eventwalment jitqiesu mid-dipartimenti rispettivi tagħhom, ossija l-Ministeru tas-Saħħa, fil-każ tal-*Grievances Unit*, u s-Segretarju Permanenti Ewlieni fil-każ tar-*Review Board*.

»Għalhekk, il-qorti tqis illi, *ai fini* ta' l-ewwel talba tar-rikorrent, id-deċiżjoni tagħhom hija waħda li tikkostitwixxi għemil amministrattiv u li għalhekk huwa sindakabbli minn dina l-qorti a tenur tal-artikolu 469A.

»Ikkunsidrat dan, il-qorti tgħaddi biex tikkunsidra jekk l-egħmil amministrattiv jiksirx il-Kostituzzjoni jew jekk huwiex *ultra vires*.

»Il-qorti hawnhekk tosserva s-segwenti fatti:

»a. Fid-9 ta' Settembru 2014, ir-rikorrent deher quddiem il-*Grievances Unit*, fejn ingħata l-possibbiltà illi jressaq il-każ tiegħu, iżda ma ressaq ebda dokumentazzjoni u jew ismijet ta' persuni li setgħu b'xi mod jokkorroboraw l-allegazzjoni tiegħu li kienu waħħluh fl-*interview* tiegħu għal *principal officer* inġustament.

»b. Fl-24 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrenti reġa' ngħata l-opportunità illi jidher, din id-darba, quddiem ir-*Review Board*, sabiex iressaq aktar informazzjoni illi setgħet tkun ta' utilità għal każ tiegħu, iżda għal darba oħra ma ressaq xejn, u minflok jgħidilna "tlaqt 'il barra".

»ċ. Quddiem dina l-qorti, għalkemm ir-rikorrent allega li kien hemm istanzi fejn tqiesu każijiet li kienu aktar antiki minn seba' snin qabel is-sena 2014, ma ressaq ebda prova ta' dan, għajr għax-xiehda, kemmxejn nebuluża jekk mhux dubjuża, ta' ċertu Michael Grima, li kien segretarju tal-*Grievances Unit* ġewwa Għawdex, li stqarr li "kelna każijiet li kienu jmorru lil hinn mis-seba' snin li qed tgħid ... uħud minnhom kien hemm rakkomandazzjoni pożittiva, u uħud minnhom le", mingħajr ma jagħti ebda indikazzjoni assoluta dwar x'kienu tali każijiet.

»d. Quddiem dina l-qorti, għalkemm ir-rikorrent jistqarr illi erbgħa u għoxrin sena ilu, ossija fis-sena 1997, kien ġie inġustament imċaħħad mill-post ta' *principal officer*, ma ressaq ebda dokumentazzjoni in sostenn ta' tali allegazzjoni.

»Il-qorti ma tistax ma tosservax illi l-każ kollu tar-rikorrent, kemm quddiem il-*Grievances Unit* kif ukoll ir-*Review Board*, u saħansitra quddiem dina l-qorti, huwa bbażat fuq supposizzjonijiet u konklużjonijiet tiegħu li ma jsibu ebda konfort f'dokumentazzjoni jew fatti korroborattivi.

»Il-qorti tirrileva li, f'każ ta' allegata inġustizzja, l-inqas illi wieħed irid jagħmel huwa illi jressaq provi dokumentarji u fattwali dwar l-allegata inġustizzja minnu sofferta – u fin-nuqqas ta' tali provi, l-każ tiegħu ma jistax jitqies favorevolment.

»Jirriżulta ċar, mix-xiehda kollha prodotta mill-intimati, illi tul il-proċess kollu r-rikorrent qatt ma ressaq provi biex jissostanzja dak li kien qiegħed jallega. Fi kliem iċ-*chairman* tal-*Grievances Unit*, Charles Cilia,

> »"… f'aspett ta' provi, applikant jista' jgħid ħafna affarijiet, però jekk ma jagħtix indikazzjoni lill-*unit* u jġib provi konkreti illi qiegħed iġarrab l-effett tal-allegata inġustizzja llum il-ġurnata, l-*unit* ikollu jdejh marbutin fis-sens illi jiddeċiedi illi l-ilment tiegħu jmur lill-hinn mis-seba' snin kif spjegati fl-imsemmija ċirkolari. Ngħid illi hekk ġara fil-każ odjern."

»Jirriżulta ċar illi ċ-ċirkolari 4/2014 kienet tipprovdi għall-inġustizzji illi seħħew sa seba' snin qabel ma nħarġet tali ċirkolari, u kienet tinkludi wkoll każijiet fejn effetti ta' inġustizzji li setgħu seħħew qabel kienu għadhom qed jinħassu f'dak il-perjodu ta' seba' snin.

»Fil-każ tar-rikorrent, huwa ma ressaq ebda prova li juri illi fis-seba' snin ta' qabel is-sena 2014 huwa kien għadu qed isofri minn allegat inġustizzja illi saritlu fis-sena 1997, ossija sbatax-il sena qabel.

»Il-qorti tosserva illi kemm il-*Grievances Unit*, kif ukoll ir-*Review Board* taw lir-rikorrent kull opportunità illi jressaq il-każ tiegħu, iżda huwa naqas milli jipprova l-każ tiegħu.

»Jingħad ukoll illi r-rikorrent ma għamel ebda tentattiv sabiex iressaq il-każ tiegħu quddiem l-*Ombudsman*, kif kellu kull dritt illi jagħmel.

»Għalhekk, il-qorti tqis illi kemm il-*Grievances Unit* kif ukoll ir-*Review Board* fl-ebda ħin ma aġixxew fil-konfront tar-rikorrent b'mod illi jwassal lill-dina l-qorti tiddikjara tali għemil amministrattiv bħala null, invalidu jew mingħajr effett.«

6. L-attur appella b'rikors tal-31 ta' Mejju 2021 li għalih il-konvenuti wieġbu fil-11 ta' Ġunju 2021.

7. Essenzjalment fl-appell tiegħu l-attur igħid (i) illi ma ngħatax smigħ, xieraq jew le, għax mill-ewwel il-każ tiegħu ntefa' l-barra għar-raġuni illi l-*Grievances Unit* kien tal-fehma illi l-ilment ma kienx dwar dak li seħħ sa seba' snin qabel, (ii) illi ġarrab diskriminazzjoni, għax kien hemm min ingħata smigħ għalkemm il-każ kien seħħ aktar minn seba' snin qabel l-ilment, u (iii) illi ma ngħatax smigħ xieraq għax il-membri tal-*Grievances Unit* u tar-*Review Board* ma kinux indipendenti u imparzjali. Fisser l-aggravji hekk:

»1. L-esponenti ilmenta wkoll quddiem l-ewwel qorti illi l-istess *unit* u *bord* ma rrispettax il-prinċipju ta' ġustizzja naturali tan-*nemo iudex in causa propria* u dana peress li:

»i. il-membri tal-*unit* u tal-*bord* ġew maħtura mingħajr ebda forma ta' sejħa formali iżda ġew *handpicked* mill-*PPS*[4]. Il-membri ma applikaw imkien għas-sejħa iżda irċivew telefonata fejn ġew infurmati li ntgħażlu sabiex iservu fuq il-bord;

»ii. f'każ ta' membri partikolari, u *cioè* Joseph Stafrace, dan il-membru kien jokkupa l-kariga ta' assistent direttur fil-Ministeru tas-Saħħa fl-istess perjodu li l-esponenti jallega li saret inġustizzja miegħu. Dan il-membru kien sejjer jistħarreġ każ ta' allegat inġustizzja li seħħ f'mument meta huwa kien parti mit-tmexxija tal-istess dipartiment li minnhu saret l-inġustizzja;

[4] *Principal Permanent Secretary*

»iii. ma kienet teżisti ebda *security of tenure* u, skond l-istess membri, hekk kif inħatru mil-gvern setgħu jitneħħew mil-gvern;

»iv. hekk kif ikkonfermaw uħud mil-membri, l-*unit* u *bord* mhux l-ewwel darba li ħa pariri mingħand l-Avukat Ġenerali u mis-*Central Unit*. Dan ikompli juri kemm ma kinux independenti u kienu qed jiġu influwenzati minn terzi.

»Hekk kif ġie ikkonfermat mill-Prim Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-każ fl-ismijiet <u>*General Workers' Unit v.* L-Avukat Ġenerali</u> deċiża fit-18 ta' Ġunju 2015:

> »"Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tispeċifika illi l-fatt li ġudikant jiġi maħtur mill-Gvern ma jfissirx nuqqas ta' indipendenza, dan sakemm jeżistu l-garanziji meħtieġa għall-indipendenza tiegħu. Waħda minn dawn il-garanziji hija essenzjalment l-hekk imsejjħa "*security of tenure*". Dan ma jfissirx li ġudikant għandu jibqa' hemm għal dejjem, però biss li jkollu garanzija li ma jitneħħiex mill-kariga tul il-perjodu li għalih ġie maħtur, anki jekk tali perjodu huwa relattivament qasir.

»Fil-kuntest tal-imparzjalità meħtieġa f'ġudikant, Van Djik u Van Hoof, … igħidu hekk:

> »"The objective approach refers to the question of whether the way in which the tribunal is composed and organised, or a certain coincidence or succession of functions of one or more of its membrs, may give rise to doubt as to the impartiality of the tribunal or that member. If there is justified reason for such doubt, even if subjectively there is not concrete indication of bias of the person in question, this already amounts to an inadmissable jeopardy of the confidence which the court must inspire in a democratic society."

»Fil-kawża <u>*General Workers Union v.* L-Avukat Ġenerali</u> fuq imsemmija, il-qorti ikkonkludiet ukoll illi ma jkunx hemm garanzija ta' smigħ xieraq meta min jiġġudika jistrieħ fuq pariri ta' terzi. F'dan ir-rigward il-qorti ikkonkludiet li:

> »"Minn dan għalhekk jirriżulta li ukoll f'dan l-aspett it-Tribunal Industrijali qiegħed jonqos milli jiggarantixxi lill-partijiet quddiemu smigħ xieraq skond l-art. 6 tal-Konvenzjoni u dan peress illi l-istess tribunal qiegħed jistrieħ fuq pariri u opinjonijiet mingħajr ma jagħti l-partijiet opportunità li jik-kummentaw dwarhom."

»Fl-ambitu tal-ġurisprudenza suċitata huwa ovvju li l-*unit* u l-*bord* ma kinux komposti skond il-liġi u marru kontra l-prinċipju tan-*nemo iudex in causa propria*.

»Minkejja dan, l-ewwel qorti naqset kompletament milli tissindika l-indi-pendenza u kompożizzjoni tal-*bord*.

»2. Għalkemm huwa minnu li l-esponenti ngħata żewġ udjenzi mal-*unit* u mal-*bord* dan xorta waħda ma wassalx sabiex l-esponenti jingħata smigħ xieraq quddiem l-istess *unit* u *bord* u dana peress li l-istess *unit* u *bord* preliminarjament iddeċieda illi l-ilment tal-appellant imur lil hinn mis-seba' snin.

»Din kienet il-pożizzjoni tal-*unit* u tal-*bord* kemm waqt is-smigħ tal-ilment u anke fid-deċiżjoni tal-*unit* tal-20 ta' Awissu 2016 fejn ġie mgħarraf bid-deċiżjoni finali tal-*unit* li tgħid "Il-*unit* jinnota li dan il-każ seħħ fl-1997 u b'hekk imur lil hinn mil-kompetenza ta' żmien tal-*unit*. B'hekk il-*unit* ma

jistax jirrakomanda xi tip ta' rimedju". Fid-deċiżjoni tal-*unit* imkien ma jissemma li l-effetti tal-ilment tal-esponenti jmur lil hinn mis-seba' snin.

»Assolutament mhux minnu li l-appellant ingħata opportunità li jressaq il-każ tiegħu. Hekk kif xehed l-appellant stess, fl-udjenza li ingħata mal-*unit* u anke mal-*bord* huwa mal-ewwel ġie infurmat li ġaladarba l-ilment tiegħu jmur lil hinn mis-seba' snin, dan ma setax jibqa' jinstema'. Il-*unit* u l-*bord* kienu tal-fehma li ċ-ċirkolari ma titkellemx dwar każijiet fejn l-effetti tagħhom jibqa' jinħass f'dak is-seba' snin, dan kellu jibqa' jinstema'. Kien biss għalhekk li l-appellant telaq 'il barra u dana wara li ra li l-membri tal-*unit* u tal-*bord* ma riedu bl-ebda mod jirrikonoxxu li huma setgħu xorta waħda jisimgħu l-ilment tiegħu ġaladarba huwa baqa' jsofri l-effett tal-inġustizzja sal-ġurnata tal-lum.

»Il-pożizzjoni ta' wħud mil-membri tal-*bord* u tal-*unit* tidher li varjat fil-mori tal-kawża meta irrealizzaw illi l-interpretazzjoni tagħhom taċ-ċirkolari kienet [*sc.* ħażina]. Michael Grima, Segretarju tal-*Grievances Unit* tal-Ministeru għal Għawdex, ikkonferma li kien hemm każijiet simili għal tal-esponenti (fejn l-inġustizzja seħħet qabel is-seba' snin mid-data taċ-ċirkulari iżda l-effett tagħha baqa' jinħass f'dawk is-seba' snin). Bid-dovut rispett għal konklużjoni tal-ewwel qorti, din ix-xiehda tas-Sur Grima la hija dubbjuża u lanqas ma hija nebuluża. Is-Sur Grima kien membri tal-*unit* fejn ikkonferma każijiet oħra simili għal tal-appellant li nstemgħu.

»3. A kuntrarju tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti, l-esponenti ma kellux iġib prova quddiem l-istess qorti li huwa filfatt kien sofra inġustizzja waqt l-intervista fis-sena 1997 meta kien għamel eżami għal *principal officer* fejn minkejja li kien għadda mil-eżami bil-miktub huwa ma għaddiex mil-eżami orali. L-istħarriġ li kellha tagħmel l-ewwel qorti kien biss dak li tissindika l-kompożizzjoni u d-deċiżjoni tal-*unit* u tal-*bord* u tara li dawn kienu jaqgħu fl-ambitu legali. L-esponenti ma kellux għaliex iressaq il-bażi tal-ilment quddiem l-ewwel qorti u dana peress li f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju bl-ebda mod ma jissostitwixxi d-diskrezzjoni amministrattiva. *Di più*, jekk jiġri hekk l-esponenti ikun qed jiġi mċaħħad mil-benefiċċju tad-*doppio esame*.

»4. L-appellant lanqas jaqbel mal-ewwel qorti illi huwa ma ġab ebda prova li l-effett tal-inġustizzja baqa' jinħass. Huwa ovvju li l-effett baqa' jinħass. Hekk kif xehed l-appellant, liema xiehda ma ġietx kontradetta jew kontestata bl-ebda mod, li kieku kien għadda mil-intervista huwa kien sejjer ikollu paga ogħla, jinfetħulu bibien għal skali ogħla u kien jirtira fi skala ogħla u l-pensjoni perċepibbli favur tiegħu illum il-ġurnata tkun ogħla. Fl-*affidavit* tiegħu l-esponenti bil-ġurament ikkonferma:

> »"Fil-fatt il-konsegwenzi negattivi tagħha sofrejthom tul dawn l-aħħar seba' snin għaliex kieku ma waħħlunix dak in-nhar kont nitla' fi skala 7 fis-sena 2009 u peress li rtirajt mis-servizz pubbliku f'Settembru 2014 lanqas stajt navvanza għal skala 7 bis-*seniority* u naturalment spiċċajt fi skala 8. Dan biex ma nsemmix ukoll il-fatt li mblukkawli t-triq fejn ma stajtx napplika għal gradi ogħla."

»Fid-dawl ta' dan, l-ilment tal-esponenti kien jinkwadra fiċ-ċirkulari numru OPM 7/2014 u għalhekk l-ilment tiegħu kellu jinstema' *in toto*.«

8. Nibdew bl-allegazzjoni illi l-attur ma ngħatax smigħ għax il-każ tiegħu ntefa' 'l barra mill-ewwel billi kienu għaddew seba' snin u illi l-*unit* u *l-bord*

"ma riedu bl-ebda mod jirrikonoxxu li huma setgħu xorta waħda jisimgħu l-ilment tiegħu ġaladarba huwa baqa' jsofri l-effett tal-inġustizzja sal-ġurnata tal-lum".

9. Huwa minnu illi fir-rakkomandazzjoni tiegħu l-*Grievances Unit* kien tal-fehma illi, peress li l-ilment kien dwar dak li seħħ fl-1997, il-każ ma kienx fil-kompetenza tal-*unit* li għalhekk ma setax jirrakkomanda illi l-attur jingħata rimedju għall-ilment tiegħu. Huwa minnu wkoll illi l-ittra tal-20 t'Awwissu 2016 li biha l-*Grievances Unit* għarraf lill-attur li ma kienx sejjer jirrakkomanda illi l-attur jingħata rimedju tagħti x'tifhem illi l-mogħdija ta' seba' snin kienet ir-raġuni waħdanija għal din id-deċiżjoni[5]. Din ir-rakkomandazzjoni tal-*Grievances Unit* ġiet konfermata fid-deċiżjoni tar-*Review Board* tal-1 ta' Marzu 2017.

10. Min-naħa l-oħra, ix-xhieda mressqa mill-konvenuti jgħidu illi l-*unit* effettivament qies il-każ tal-attur u fost ir-raġunijiet għala wasal għall-konklużjoni li l-attur ma kellux jingħata rimedju kien hemm dik illi l-attur ma ressaq ebda prova konkreta u speċifika illi tassew ġarrab inġustizzja fis-sena 1997. Igħidu wkoll illi raġuni oħra kienet mhux tant illi għaddew is-seba' snin iżda illi lill-attur ma seħħlux juri illi tassew hu kien għadu jbati l-effetti ta' dak li hu qies bħala inġustizzja kontra tiegħu, għalkemm ma tressqet ebda prova ta' din l-inġustizzja.

---

5 »Il-*unit* jinnota li dan il-każ seħħ fl-1997 u b'hekk imur lil hinn mill-kompetenza ta' żmien tal-*unit*. B'hekk il-*unit* ma jistax jirrakkomanda xi tip ta' rimedju.«

11. Dwar dan, fil-5 ta' Marzu 2018 xehed quddiem l-ewwel qorti Charles Cilia, c*hairperson* tal-*Grievances Unit* fiż-żmien relevanti. Mistoqsi għala t-talba tal-attur ma ntlaqgħetx mill-*Grievances Unit*, wieġeb hekk:

»Xhud: Għaliex ma kienx speċifiku. Ma tantx għena f'dik l-informazzjoni li xtaqna aħna. Għax jekk inti qed issemmi persuna, jew jekk inti ser tgħidli li qabżuk politikament, għal kelma tal-argument spjegali daqsxejn, għadli kif, u għidli min. Għax inti li tgħidli politikament għax *its easy term* [*sic*] jew *statement to make*; imma jekk ma tkunx speċifiku … … …!

»… … …

»Mistoqsija: Jiġifieri x'inhi r-raġuni li vera t-talba tiegħu ma ntlaqgħetx? Din li hawn indikata fl-ittra jew din li qed issemmi li ma ippruvax il-każ tiegħu?

»Xhud: Ma għeniex biex nipprova bil-każ tiegħu, ħa nkun iktar speċifiku. Ma għeniex biex nistgħu nsibu 'l dik [*sic*] tal-każ tiegħu.

»Mistoqsija: Jiġifieri liema waħda? Li l-każ tiegħu ma kienx jaqa' fil-kompetenza tagħkom taż-żmien?

»Xhud: Le, dak kien wieħed, *I mean* għaliex aħna kellna *a term* ta' seba' snin, qed tifhem? Però fejn stajna nipprovaw ngħinu għamilniha; ifhimni, għax jekk jien għandi fuq xiex nimxi nista' jiena nkompli nara jien dak għandux raġuni.

»… … …

»Xhud:… … ... ... Jekk ma tispeċifikalix x'inhi *I cannot find* is-soluzzjoni jew jekk għandekx raġun jew le, u jekk ma tispeċifikalix in-nies li qed tgħid li qabżuk jien ma nistax insegwi illi nġib xhieda illi jgħid – isma' is-Sur Masini kellu raġun, jew ma kellux raġun, jew inkella aħna għedna hekk dak iż-żmien, jew ..., qed tifhem?

»… … …

»Xhud: Ehe, ma ipprovalniex, qed ngħid għat-tnejn; is-*seven year*, u ma pprovalniex li dan għadu qed isofri l-konsegwenzi ta' xi deċiżjoni li saret qabel.

»... … …

»Xhud: … … … jiena ma nafx x'tip ta' intervista kellu dak iż-żmien u x'kien l-*outcome* tagħha u x'sar u ma sarx, u min kienu l-individwi u x'intqal. Jiġifieri ma tantx jiena nista' nikkummenta fuq deċiżjoni....

»… … …

»Xhud: ... … … hu ma għeniex billi pprovdilna almenu ħjiel ta' nies illi aħna nistgħu ngħajtu ħalli jagħtuna aktar dawl fuq l-każ tiegħu biex naraw jekk hux minnu jew le.«

12. Fl-*affidavit* tiegħu tad-9 ta' Lulju 2018 Charles Cilia kompla jixhed illi:

»Ngħid illi lis-Sur Masini smajnieh u tajnieh ċans jitkellem. Ngħid illi madanakollu s-Sur Masini għamel aċċenn illi xi nies qabżuh imma ma semmiex min għalhekk ma kellniex mezz nisimgħu jew naraw il-verżjoni ta' dawn in-"nies". Ngħid illi s-Sur Masini ma kienx speċifiku fi kliemu. Ngħid illi huwa ma tantx għinna f'dik l-informazzjoni li xtaqna aħna. Ngħid illi jekk applikant qed issemmi persuna u jgħid li qabżu politikament, aħna konna nippretendu illi ssir spjegazzjoni jiġifieri ta' kif u *come* l-applikant saritlu inġustizzja.

»Ngħid illi r-rakomandazzjoni tal-*unit* kienet illi l-ilment tas-sur Masini jmur lill-hinn mis-seba' snin kif rikjesti miċ-ċirkulari. Ngħid illi hu ma ġab l-ebda prova illi kien għadu qed iħoss l-effetti tal-allegata inġustizzja sal-ġurnata ta' llum li m'hemm xejn ovvju f'dan ir-rigward kif qiegħed jippretendi s-sur Masini. Ngħid illi f'aspett ta' provi, applikant jista' jgħid ħafna affarijiet, però jekk ma jagħtix indikazzjoni lill-*unit* u jġib provi konkreti illi qiegħed iġarrab l-effetti tal-allegata inġustizzja llum il-ġurnata, l-*unit* ikollu jdejh marbutin fis-sens illi jiddeċiedi illi l-ilment tiegħu jmur lill-hinn mis-seba' snin kif spjegati fl-imsemmija ċirkulari. Ngħid illi hekk ġara fil-każ odjern.«[6]

13. Jidher għalhekk illi hemm diskrepanza bejn il-fatti kif joħorġu mix-xhieda mressqa mill-konvenuti u dak li tgħid l-ittra tal-20 t'Awwissu 2016, *viz.* illi "dan il-każ seħħ fl-1997 u b'hekk imur lil hinn mill-kompetenza ta' żmien tal-unit". Jekk ir-raġuni għad-deċiżjoni kienet dik imfissra fl-ittra, *viz.* illi l-każ seħħ aktar minn seba' snin qabel, mela l-każ tal-attur kellu jitwarrab *in limine litis*, u ma jkun hemm ebda ħtieġa li isiru l-konsiderazzjonijiet dwar jekk seħħitx tassew inġustizzja u dwar jekk il-konsegwenzi ta' dak li seħħ fl-1997 baqgħux jinħassu sa seba' snin qabel sar l-ilment.

14. L-attur min-naħa l-oħra jgħid illi mill-bidunett l-atteġġjament tal-*unit* kien illi l-każ seħħ aktar minn seba' snin qabel u l-kwistjoni għalhekk tieqaf hemm; fi kliem ieħor, illi l-każ tiegħu tassew twarrab *in limine litis*. Fl-*affidavit* tiegħu maħluf fit-30 t'Awwissu 2017 igħid illi:

»Fid-9 ta' Settembru 2014 ersaqt quddiem dan il-bord tad-Dipartiment tas-Saħħa u dlonk qaluli li l-każ tieghi ma setax jinstema' peress li ma ġarax tul

[6] *Foll.* 166 *et seq.* Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Stafrace, membru tal-*Grievances Unit*, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2018, *foll.* 133 u 245 *et seqq.* u x-xhieda Joseph Degiorgio, membru ieħor tal-*Grievances Unit*, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020, *fol.* 241.

> dawn l-aħħar seba' snin. Għalxejn għedtilhom li ċ-ċirkulari tgħid mod ieħor għaliex baqgħu jinsistu li ma setgħux jisimgħu l-każ.«[7]

15. Mistoqsi ressaqx xi prova, wieġeb illi "ma tawnix ċans; qaluli 'tista' tmur'"[8].

16. Il-kliem tal-ittra tal-20 t'Awwissu 2016 jidher li aktar jaqbel mal-verżjoni tal-attur milli ma' dik tal-konvenuti.

17. *Quod non est in actis non est in mundo* u *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur*: il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi, aktar u aktar fejn hemm konflitt ta' xhieda, għandha toqgħod fuq dak li tgħid l-ittra tal-20 t'Awwissu 2016, *viz*. illi l-każ tal-attur twarrab biss għax seħħ aktar minn seba' snin qabel tressaq l-ilment. Jekk tassew il-*Grievances Unit*, għalkemm dehrilha li l-każ ma kienx fil-kompetenza tagħha *ratione temporis*, xorta nvestigat u ma sabet ebda xhieda ta' nġustizzja, għala ma ntqalx hekk fid-deċiżjoni?

18. Naturalment, jekk tassew il-*unit* kellu kompetenza biss li jisma' każijiet li seħħew sa seba' snin qabel l-ilment, u sab illi l-każ tal-attur kien seħħ qabel, id-deċiżjoni li l-każ jitwarrab għal dik ir-raġuni tkun tiswa u ma għandhiex tiġi sindakata mill-qorti. Il-kompetenza tal-*unit* iżda ma kinitx biss dwar każijiet li seħħew sa seba' snin qabel l-ilment, iżda wkoll dwar "talbiet imressqa minn uffiċċjali jew impjegati pubbliċi li matul is-seba' snin ta' qabel tressqet it-talba jkunu allegatament batew konsegwenzi minn allegati nġustizzji li jkunu seħħew fil-konfront tagħhom qabel dan il-perjodu stipulat".

---

7 *Fol.* 20

8 Xhieda waqt kontro-eżami tal-attur fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2019, *fol*. 190

19. Il-kwistjoni quddiem din il-qorti ma hijiex jekk tassew fis-seba' snin qabel għamel it-talba l-attur kienx għadu jbati l-konsegwenzi ta' dak li seħħ qabel, għax dan ma huwiex appell fuq il-meritu; li trid tara din il-qorti hu jekk l-attur ingħatax smigħ dwar l-ilment tiegħu li sa seba' snin qabel ma għamel it-talba kien għadu jbati l-konsegwenzi ta' dak li kien seħħ qabel.

20. Id-deċiżjoni miġjuba fl-ittra tal-20 t'Awwissu 2016 ma tgħid xejn dwar hekk: li tgħid hu li l-każ twarrab għax "seħħ fl-1997" u mhux li ma tressqux provi ta' nġustizzja li l-konsegwenzi tagħha baqgħu jinħassu sa seba' snin qabel saret it-talba mill-attur; l-implikazzjoni inevitabbli għalhekk hija illi l-każ waqaf jinstema' qabel wasal sa l-istadju li fih jitqiesu dawk il-konsiderazzjonijiet.

21. Dwar din il-parti tal-ilment, li taqa' fil-kompetenza *ratione temporis* tal-*unit*, ma jidhirx mill-atti tal-każ illi l-attur ingħata smigħ, u wisq anqas għalhekk ma jista' jingħad li ngħata smigħ xieraq. Fil-fehma tal-qorti għalhekk din il-parti tal-aggravju għandha tintlaqa'. Dan hu biżżejjed biex jintlaqa' l-appell tal-attur, u ma jibqax meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra fil-meritu.

22. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata; tikkonfermaha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti dwar nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva ta' wħud minnhom, u fejn laqgħet l-ewwel talba tal-attur u qalet illi d-deċiżjoni mpunjata hija għemil amministrativ soġġett għal stħarriġ ġudizzjarju, u tħassar is-sentenza fil-bqija: minflok, tgħid illi l-attur ma ngħatax smigħ xieraq, u għalhekk tħassar id-deċiżjoni mpunjata tal-*Grievances Unit* u tar-*Review Board*. Tordna li l-każ tal-attur jinstema' mill-ġdid fl-ambitu taċ-ċirkolari nru 4/2014 tas-6 ta' Frar 2014 tal-Uffiċċju

tal-Prim Ministru. Billi *l-Grievances Unit* u r-*Review Board* illum ma humiex maħtura, ikun meħtieġ li jinħatru mill-ġdid għalkemm b'membri differenti sabiex jisimgħu l-każ tal-attur.

23. L-ispejjeż relattivi għall-eċċezzjonijiet preliminari u dawk tal-konvenuti meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju jħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħra, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom il-Ministeru tas-Saħħa.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm